**Minuti tat-Tnejn u Erbgħin Laqgħa tas-Sitt Kunsill Lokali Nadur**
**Nhar il-Tnejn, 15 ta' Marzu 2010 fis-7:30 p.m.**

Preżenti:-

| | |
|---|---|
| Miriam Portelli | Sindku |
| Charles Said | Viċi Sindku |
| Dr. Rita Mifsud | Kunsillier |
| *Rita Mifsud Attard* | *Segretarju Eżekuttiv* |

Maria Natoli u Jonathan Buttigieg informaw lis-Segretarju Eżekuttiv li ma setgħux jattendu.

1. **Bidu tal-laqgħa.** Il-laqgħa bdiet b'talba u tmexxiet mis-Sindku Miriam Portelli.

2. **Approvazzjoni ta' Minuti.** Il-minuti tal-laqgħa numru 40 u 41 ġew approvati, iffirmati u ddikjarati bħala dokumenti uffiċċjali.

3. **Latrina f' Daħlet Qorrot.** Il-Kunsilliera preżenti ddeċidew biex l-offerta tal-manutenzjoni u tindif tal-latrina ta' Daħlet Qorrot terġa' toħroġ. Dan għaliex kien hemm offerta waħda biss mitfuħa bi prezz erbgħa darbiet iżjed minn ta' qabel. Il-Kunsilliera qablu li jekk l-istess persuna li tefa' l-offerta jerġa' jiġborha dan m'għandux iħallas il-miżata.

4. **Playing Field f' Xandriku.** Is-Sindku nformat lill-Kunsill li l-bandli f'dan il-playing field tneħħew mill-ħaddiema tal-Kunsill peress li kienu perikolużi. Is-Sindku nformat lill-Kunsill li l-Kunsill taż-|għażagħ tan-Nadur qegħdin jaħdmu fuq proġett għal dan il-playing field. Jekk dan jiġi approvat mill-EU jkun hemm fondi għalih.

5. **Ħaddiema IPSL.** Il-Kunsill talab għall-ħaddiema ta' IPSL sabiex jinbena ħajt tas-sejjieħ fl-inħawi ta' xordin. Dan il-ħajt huwa baxx u għalhekk m'hemmx bżonn ta' makkinarju. Il-Kunsill kien fadallu ġebel minn dak li xtara għall-ħajt ta' Daħlet Qorrot.

6. **Impjieg ta' Handyman.** Il-Kunsilliera preżenti qablu li għandu jinħatar bord ta' għażla sabiex issir l-impjieg ta' handyman mal-Kunsill. Charles Said issuġġerixxa li dan il-bord ikun jikkonsisti minn Nazju Abela, Paul Curmi u Paul Galea. It-tlieta li huma għandhom esperjenza f'dan il-qasam. Is-Sindku ssuġġeriet li ma dawn ikun hemm ukoll Charles Said u Jonathan Buttigieg. Il-Kunsilliera qablu ma' dan is-suġġeriment.

7. **Fondi.** Il-Kunsill għandu madwar €40,000 fil-UIF. Il-Perit Robert Grech informa lis-Sindku li l-isqaqien ta' Triq San Blas mhumiex eliġibbli għal dawn il-fondi iżda it-triq bejn Triq Dun Bernard Haber u Pjazza 28 t'April 1688 hija eliġibbli.

8. **Offerti.** Il-perit Robert Grech għandu joħroġ l-offerti għar-resurfacing tat-toroq Kapillan, Madre Gemma Camilleri u Rakela Camilleri.

9. **Gbir ta' Skart Riċiklabbli.** Is-Sindku Miriam Portelli nformat lill-Kunsilliera li waqt laqgħa tas-Sindku Għawdxin ġiet magħżula il-Kumpanija Green MT sabiex jiġbru l-iskart riċiklabbli. Din il-kumpanija ntgħażlet peress li din qiegħa toffri flus lill-kunsill jekk il-Kunsill iżid il-materjal riċiklabbli li jinġabar. Il-kumpanija l-oħra Green Pack mhux toffri flus. Il-Kunsilliera approvaw din id-deċiżjoni.

10. **Gbir ta' Skart.** Gie diskuss għal darb' oħra il-kuntratt ta' ġbir ta' skart imħallat. Il-Kunsill qed jiddiskuti mal-Kunsill tal-Qala u ta' Għajnsielem sabiex dan il-kuntratt joħroġ flimkien. Hemm xi disgwid dwar jekk il-Kunsill għandux jiġbor l-iskart tal-ħwienet. Il-Kunsill qabel li l-ġbir ta' skart imħallat għandu jitnaqqas b'ġurnata u f'dik il-ġurnata ser jinġabar is-skart riċiklabbli. Aktar l'quddiem il-Kunsill jiddicieda jekk hux ser inaqqas ġurnata oħra mill-ġbir ta' skart imħallat u jzid il-ġbir ta' skart riċiklabbli.

11. **Bye-Law.** Il-Kunsilliera qablu li għandu jsir bye law sabiex ma jkunx hemm bejgħ ta' xorb fi flixken tal-ħġieg mill-bars/restaurants matul il-jiem tal-Karnival u l-jiem tal-Festa ta' l-Imnarja. Dr. Rita Mifsud ġiet inkarigata tieħu ħsieb din.

12. **Devoluzzjoni.** Ir-rapport dwar id-devoluzzjoni ta' biċċa art fi Triq Bingemma kantuniera ma Triq Dun Anton Tabone ġie approvat mill-Kunsill.

13. **Korrispondenza.**

(2484) Ittra minghand id-dar tal-Providenza dwar ringrazzjament tal-Karnival
(2485) Ittra minghand il-MEPA dwar "Pjazza embellishment and Traffic Management scheme"
(2486) Ittra minghand il-MEPA dwar "Compensatory planting in connection with PA 5962/07"
(2487) Memo 39/2010 dwar Sehja ghal proposti ta' progetti that il-Fond Ewropew ghall-izvilupp regjonali (FEZR) 2007-2013 immirata ghall-Kunsilli Lokali
(2488) Ittra minghand il-Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u investiment dwar "Expropriation" fi Triq San Gakbu
(2489) Memo 37/2010 dwar Konferenza Internazzjoni dwar il-Gemellaggi
(2490) Ircivuta minghand id-dipartiment ghall-Gvern Lokali dwar "Buisness Plan 2010-2012"
(2491) Ittra minghand Transport Malta dwar permessi tal-Cranes
(2492) Ircivuta minghand id-dipartiment ghall-Gvern Lokali dwar "Annual Budget 2010"
(2493) Ittra minghand l-ETC dwar il-haddiema ll gew assenjati mal-Kunsill
(2494) E mail minghand il-MEUSAC dwar ICT-enabled sustainability in smart cities
(2495) Memo 38/2010 dwar Zjara tal-Q.T. il-Papa Benedittu XVI f' Malta fis-17 u 18 ta' April 2010
(2496) Ittra minghand l- SPCA
(2497) Memo 40/2010 dwar Dokument tar-Riforma tas-sistema tal-infurzar Lokali
(2498) Ittra minghand is-Segretarju Parlamentari Dr. Chris Said dwar konferenza annwali kontra l-abbuz tad-droga
(2499) Kwotazzjoni għall-installazzjoni tas-slaleb tal-Gimgħa l-Kbira
(2500) Email mingħand id-Direttur Gvern Lokali dwar il-kuntratt ta' Gbir ta' Skart
(2501) Ittra minn Transport Malta dwar sinjali sofor fi Triq Arc. Saver Cassar
(2502) Ittra minn Transport Malta dwar sinjali sofor fi Triq Madre Gemma Camilleri
(2503) Ittra minn Transport Malta dwar sinjali sofor fi Triq Grunju
(2504) Email mingħand l-ETC dwar Skema Xoghol fil-Komunita'

14. **Jum Dinji tas-Saħħa 2010.** Il-Kunsill irċieva korrispondenza dwar attivitajiet inkonnessjoni ma Jum Dinji tas-Saħħa 2010. Il-Kunsill bi hsiebu jorganizza mixja mill-Pjazza sat-Torri ta' Sopu f'din l-okkazzjoni. Il-ġranet ta'

dawn l-attivitajiet huma bejn l-Erbgħa 7 t'April u l-Ħadd 11 ta' April. Il-Kunsill iddiskuta wkoll il-possibilta' li jkun hemm bdiewa lokali ħdejn it-Torri ibiegħu l-prodotti tagħhom. Parti minn l-attivitajiet jistgħu jkunu wkoll kampanja ta' tindif fil-lokalita'.

15. **Kuntratt mal-Kumitat tan-Nadur Youngsters.** Il-Kunsill jew rappreżentanti tal-Kunsill għandhom jiltaqgħu mal-kumitat tan-Nadur Youngsters dwar il-kuntratt tal-Playing Field ta' Xandriku.

16. **Programmi EU.** Il-Kunsill irċieva inviti mill-Kunsill Lokali Isla u minn Paul Chetcuti sabiex il-Kunsill Lokali Nadur jissieħeb magħhom bħala partners fi Programm Malta-Italia 2007-2013. Il-programm tal-Kunsill Lokali Isla jiffoka fuq in-nawtika filwaqt li Paul Chetcuti ser jiffoka fuq attivitatjiet tal-Karnival sabiex jħajjar aktar turiżmu. Il-Kunsilliera qablu li l-Kunsill tan-Nadur għandu jieħu sehem fil-proġett li għandu x'jaqsam miegħu l-Karnival peress li n-Nadur magħruf għal din l-attivita.

17. **Seminar.** Ser issir seminar bejn it-22 u 24 ta' April tal-ECAD (European Cities Against Drugs). Dan ser issir fil-lukanda Kempinski f'San Lawrenz. Is-Sindku u kunsillier ieħor huwa mistieden sabiex jattendi. Dr. Rita Mifsud wriet interess li tattendi dan is-seminar flimkien mas-Sindku.

18. **Qorti.** Il-qorti ta' l-Appeal fil-każ ta' Nicky Saliba vs. Kunsill Lokali Nadur ma ħaditx deċiżjoni iżda reġgħet bagħtet il-każ lura lejn il-Qorti ta' Għawdex biex jerġa jinstemma hawn iżda din id-darba ikun hemm esperti li jaraw ix-xogħol li sar. Sadanitant Nicky Saliba għamel kuntatt mas-Segretarju Parlamentari Christ Said (ex-Sindku tan-Nadur) sabiex dan il-każ jiġi "settled" barra mill-Qorti. Il-Kunsill ser jiddiskuti miegħu dwar dan. Il-każ ta' Caroline Debono vs. Kunsill Lokali nstema illum stess fil-qorti ta' l-Appell. Is-sentenza għandha tingħata nhar il-25 ta' Gunju 2010.

19. **MEPA.** Monica Galea talbet sabiex il-kunsill iħallas l-ispejjes ta' ħames siġriet biex jitħawlu fil-ġnien ta' l-Iskola Primarja. Dawn biex jagħmlu tajjeb għas-sigra li hi qatgħet biex bniet id-dar tagħha fi Sqaq Dun Karm Caruana. Monica Galea kienet diġa xtrat ħames siġriet li thawlu fl-inħawi ta' Xordin fejn kien indika l-Kunsill iżda l-MEPA ma aċċetatx dan is-sit. Il-Kunsilliera approvaw li jixtri dawn is-siġar. Charles Said issuġġerixxa li jsiru toqob bil-makkinarju fil-ġnien fin-naħa tat-Tramuntana peress li hemm hekk hemm il-blatt.

20. **Affarijiet Oħra.** Is-Sindku, Miriam Portelli nformat lill-Kunsill li hi kellha talba mingħand il-familja Portelli ta' Triq Agius de Soldanis sabiex titranġa r-rampa tal-garaxx. Is-sidien allegaw li minn meta saret it-triq il-karrozza bdiet thokk mar-rampa u qed tagħmel ħafna ħsarat. Il-Kunsill approva li titranġa din ir-rampa. Ser issir Via Sagra f'tal-Ħali nhar l-Erbgħa 31 ta' Marzu 2010. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni għal din. Is-Sindku ssuġġeriet li ssir attivita fl-okazzjoni ta' l-anniversarju ta' Nżul il-Franċiżi (6 ta' Gunju 2010) ħdejn it-Torri ta' Sopu.

21. **Kontijiet.** Kontijiet li ġew approvati:

| | | | |
|---|---|---|---|
| 9282 | Registrar Civil Courts | 1043.87 | Appeal Debono |
| 9283 | JGC Ltd. | 9130.69 | rubber mats for playing field |
| 9284 | Sue Ellen Bugeja | 35.56 | stamps |
| 9285 | Department of Information | 9.32 | advert |
| 9286 | Miriam Portelli | 345.33 | mayor's allow |
| 9287 | Rita Mifsud Attard | 1460.28 | Salary |
| 9288 | Sue Ellen Bugeja | 1002.64 | salary |
| 9289 | CIR | 963.82 | February |
| 9290 | Go plc | 138.72 | Telephone & Fax Lines |
| 9291 | Data Protection Commissioner | 23.29 | fee |
| 9292 | InServe | 20.34 | garbage bags |
| 9293 | Smart Office Supplies Ltd. | 75.08 | stationery |
| 9294 | Peter Paul Buttigieg | 122.00 | website updating |
| 9295 | Joseph Camilleri | 173.30 | repairs & trees |
| 9296 | Manuel Mercieca | 185.00 | hire of chairs carnival |
| 9297 | Office Club | 18.50 | binding of minutes |
| 9298 | Carmel Camilleri | 299.00 | street cleaning Jan & Feb |
| 9299 | Commissioner of Police | 148.92 | carnival extra service |
| 9300 | MITA | 416.85 | connectivity |
| 9301 | Galea Curmi Eng. Cons. Ltd. | 96.62 | contract manager street lighting |
| 9302 | Mary Attard | 69.96 | February library extra hours |
| 9303 | Anthony Mercieca | 2250.00 | carnival cleaning |
| 9304 | void | | |
| 9305 | Anthony Mercieca | 95.61 | bulky refuse |
| 9306 | Ghaqda Filarmonika Mnarja | 465.00 | carnival service |
| 9307 | KIP Ghawdex Ltd. | 2374.36 | February refuse collection |
| 9308 | Joseph Mercieca | 2057.00 | open skips |
| 9309 | Peter Paul Said | 1935.00 | hire of machinery |
| 9310 | Concetta Mifsud | 100.00 | February elderly day care centre |
| 9311 | MaryRose Grima | 100.00 | February elderly day care centre |
| 9312 | Richard Cauchi | 1133.04 | street lighting |
| 9313 | Saviour Meilak | 113.05 | public convenience February |
| 9314 | Gemma Zammit | 140.00 | February elderly day care centre |
| 9315 | Nadur Pigeon Club | 150.00 | trophies |

**Total €26,692.15**

Il-laqgħa ntemmet fid-9:15 p.m. Il-laqgħa tal-Kunsill li jmiss ser issir nhar it-Tnejn 29 ta' Marzu 2010 fis-7:30 p.m.